



Brussell, 13 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13888/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0298(COD)**

**CODEC 1794
SOC 666
EMPL 474
SAN 571**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2009/148/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fid-29 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 153(2), punt (b), flimkien mal-paragrafu 1, punt (a) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-15 ta' Diċembru 2022².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-16 ta' Marzu 2023³.
4. Fit-3 ta' Ottubru 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.

¹ 12863/22 + ADD 1-4.

² ĠU C 100, 16.3.2023, p. 118.

³ ĠU C 188, 30.5.2023, p. 70.

⁴ 13634/23.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE- CONS 48/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bil-Bulgarija, il-Polonja u l-Ungerija jastjenu.
6. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum għal din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
